

# *Mal-Ħitan tal-Knisja u Dar Sarria*

## *minn Anthony Piscopo*



**L-Istorja tal-Knisja ta' Sarria li għandna fil-Furjana, ħafna minnha nafha minn fomm il-kittieb magħruf Għawdxi Dr.A.Cremona li aktar konna nsibuh bħala s-Sur Nin. Fi xjuħitu s-Sur Nin kien jiġi għandna fill-Fsobians Club fi Triq Sant'Anna u l-għaxqa tiegħu kienet tkun meta kien jirrakkuntalna ġrajjiet fis-subborg tagħna l-Furjaniżi. Minħabba li jien kont fl-amministrazzjoni tal-gażżetta "IL-FURJANA" u għal ħafna snin kont l-editur tagħha kien jagħtini l-artikoli biex inxandarhomf' din il-gażżetta lokali li issa għalqet 55 sena mill-ewwel ħarġa tagħha li għadha tiġi ppublikata sal-llum.**

Sa mill-1585 flok il-knisja ta' Sarria li naraw illum, kien hemm kappella ddedikata lill-Verġni Immakulata mibnija minn flus il-Kavallier Martin De Sarria. Meta fl-1675 Malta kienet inħakmet bil-marda qerrieda tal-pesta u kienu mardu u mietu mijiet ta' nies, il-GranMastru Nikol Cottoner kien għamel żewġ wegħdi: waħda li tinħareġ proċessjoni kull sena fil-festa tal-Kunċizzjoni it-8 ta' Settembru mil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann għal din il-Kappella ta' Sarria u lura, u t-tieni waħda kienet li flok kappella tinbena Knisja ikbar. Dwar il-wegħda tal-proċessjoni kif kien għamilha Cottoner tliet mija u tlieta w tletin sena ilu baqgħet tiġI segwita sas-snin disgħin. Minħabba l-volum tal-karozzi li jkun hemm fil-venda ta' Putirjal ma kienx iktar possibli li din tibqa' ssir u minflok qed issir mat-toroq prinċipali tal-Belt. Għal wegħda l-oħra kien l-istess GranMastru Cottoner li fit-8 ta' Diċembru 1676 poġġa l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida li baqgħet tissejjaħ għall-istess Kavallier Sarria li kien bena l-kappella.

### IL-ĠIŻWITI F'SARRIA

Fir-Rakkonti tas-Sur Nin hemm ħafna xi tgħid fuq il-Knisja ta' Sarria minn dak iż-żmien li nbniet sa m'għaddiet f'idejn il-Ġiżwiti fl-1924. Għalkemm nista niddeskrivi din l-epoka minn tagħrif li għandi fid-"Djarju Furjaniż" tiegħi, lenti kwotidjan fuq kull ma jiġri f'Subborg twelidi, ser nibda nirrakkonta xi ħaġa miż-żmien tiegħi li qattajt mal-ħitan ta' Dar Sarria.

L-ewwel Superjur li lħaqt kien Patri Manwel Grima, raġel qsajjar u ftit inklinat,dejjem bi tbissima fuq fommu, u b'dehra li aktar qed jgħix fis-sema milli fl-art kont issibu dejjem fil-konfessinarju iqarar. Għand dan il-Patri kienu jiġu jqerru ħafna nies minn barra l-Furjana fosthom l-Isqof Galea li meta n-nies kienet tintebaħ bih, il-kelma kienet tiġri u folla mdaqqsa kienet tistenniħ joħroġ mis-Sagristija. Forsi mhux żmien fil-bogħod lill-Isqof Galea għad narawħ meqjum fuq l-artali tagħna. Ma Patri Grima kien hemm il-Fratell Franġisku Schembri. Min jaf kemm FurjanižI kienu jħabbtulu l-bieb jitolbuħ jimlielhom l-ilma mil-bir meta f'dawk iż-żminijiet konna neqsin minn ħafna kumditajiet bħal fridges u bjar fid-djar Furjaniżi Ii mhux kullħadd kellu.

### SARRIA SSIR PARROĊĊA

Fl-aħħar Gwerra Dinjija, nhar it-Tlieta 28 ta' April 1942 fit-8.05 ta' filgħodu f'wieħed mill-attakki qliel li saru fuq il-Furjana mill-għadu, kienet intlaqtet il-Knisja Arċipretali ta' San Publju u minn dak il-ħin stess l-Arċipriet Dun Anġelo Ghigo kien ħa s-SSmu Sagrament fil-Knisja ta' Sarria li bdiet isservi bħala Parroċċa. Mur ġib lil-GranMastru Manoel De Vilhena li kien tħabat biex il-knisja ta'Sarria jagħmilha Parroċċa, tant li fil-21ta' Settembru 1724 kien bagħat rikors lill-Papa u ma laqagħulux, biex imbgħad l-għadu tal-Gwerra f'temp ta' minuta, Sarria għamila Parroċċa.

### IL-GIŻWITI GĦAN-NORMAL

Bħala Superjur u Rettur tal-Knisja ta' Sarria wara Patri Grima kien sar Patri Meilaq li kien ferm devot tal-Qalb ta' Ġesu u f'Ġunju din il-Festa kien jiffestiġġjaha bis-



bis-sollennita' kollha. Ma' Patri Meilaq kien hemm mil-Fratell John Spiteri li kellu kariżma kif iżomm it-tfal ma djul Sarria. Minjaf kemm għallem tfal jgħinu l-quddiesa li f'dawk iż-żminijiet kienet tiġi ċċelebrata bil-Latin. Fra Spiteri kien jiġborna wara l-bieb tad-dar jirrakkuntalna l-istejjer tal-fatati u kien iżommna mistgħaġba nisimawgħ. Fi żmien li Sarria kienet qed isservi ta' Parroċċa kien hemm ħafna abbatini u meta dawn telqu kollha biex iservu fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju Patri MEilaq kien għamel sett ilbiesi kif jidhru f'dan ir-ritratt li jien li qed nikteb nidher it-tielet wieħed min-naħa tax-xellug.



## PATRI EDGAR TABONE

Wara Patri Meilaq fl-1945 Superjur u Rettur kien sar Patri Edagr Tabone li dan kompla kabbar il-festi ta' Sant'Injazju min Loyola, Fundatur tal-Ġiżwiti li kienet issir f'kull 31 ta' Lulju u dik titulari tal-Kunċizzjoni li kienet issir f'kull 8 ta' Diċembru. Ma' Patri Tabone kien hemm il-Fratell Andrea Cassar li ħadem ħafna fil-Knisja ta' Sarria. Meta konna żgħar, min jaf kemm il-darba Patri Tabone ħadna Għawdex inqattgħu ġranet sħaħ f'dar kbira qisha abbandunata u llum hi waħda mis-sbieħ, qiegħed nirreferi għad-"Dar Manresa" li fiha jsiru bosta rtiri mmexxija mill-istess Ġiżwiti. Dawk li kienu joqgħodu fil-viċinanzi ta' Sarria kif ukoll dawk tan-naħa ta' Balzunetta aktar kienu jiffrekwentaw din il-knisja imma wkoll aħna t-tfal jew aħjar aħna ż-żgħażagħ u magħna wkoll xi rġiel li konna dilettanti ta' l-armar tal-Knisja, flimkien mal-Fratell Cassar konna mhux biss ngħinuh jarma l-Knisja u ndoqqu it-tliet qniepen li jihru f'dan ir-ritratt: Il-kbira kif ukoll iż-żgħira, it-tnejn li hemm fit-truf kienu saru fl-1888 filwaqt li dik tan-nofs kienet saret fl-1824, talli biex inkabbru l-festa ta' Sant'Injazju darba sparajna l-musketterija u xi nofs tużżana bombi tal-ħoss ma naqsux.



Fl-antik fil-Furjana kellna l-Partit ta' San Ġużepp li kien qatagħlu rasu l-Arċipriet Mallia. L-Arċipriet ta' warajh Dun Anġelo Ghigo kien beża minn dawn il-ħsejjes ta' l-isparar li ma jmurx jinbet xi Partit Injazjan u ħoss ta' sparer min fuq il-bjut ta' Sarria ma nstemax aktar. Dilettant ferm għad-daqq tal-qniepen u ta' l-isparar insemmi lil Joe Cauchi. Min jaf kemm tlajna miegħu indoqqu l-qniepen minn fuq il-kampnar tal-Knisja Arċipretali u miegħu kien itellgħa lil ibnu Michael ta xi sitt snin u jtieħ idoqq il-qniepen. Mur għidlu lill Michael li nhar il-Ħadd 6 ta' Jannar li għadda kien ġie miegħI f'Dar Sarria biex niftiehem mal-Patrijiet nigbed ritratt tal-qniepen kif jidhru f'dan l-artiklu li kien missieru li ried ikabbar il-Festa ta' Sant'Injazju bil-ħsejjes ta' l-isparar li mbagħad kif ktibt ma nstemgħux aktar. Kienu żminijiet li wara l-ħin ta' l-iskola konna nqattgħuh ma dawn il-ħitan kemm tal-Knisja kif ukoll ta' Dar Sarria. Darba kien bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Kunċizzjoni li salvat il-ħajja ta' żgħażugħ li waqt li kien fuq sellum jarma d-damask tal-friż ta' taħt iċ-ċinta tal-koppla kien waqa għal isfel minn dak l-għoli u ma kien ġralu xejn. Aktar tard f'dan l-artiklu nurikhom min hu

## SAN ĠORĠ PRECA

Għal ħafna snin fi żmien ir-Rettorat ta' Patri Tabone, Dun Ġorġ Preca illum San Ġorġ Fundatur tal-M.U.S.E.U.M. kull nhar ta' Erbgħa kien ilaqqa' lis-soċji fil-Knisja ta' Sarria li kienu jiġu bi ħġarhom biex jisimgħu l-kelma persważżiva tiegħu. Kif qed insemmi l-mużew fi snin ta' wara l-gwerra, tal-mużew tal-Furjana kienu jlaqqagħuna f'Sarria għan-Novena tal-Milied u f'lejliet wara li konna nkunu smajna l-priedka tat-tifel konna noħorġu bil-proċessjoni bil-Bambin u ndawruħ mat-toroq tal-Furjana.



## AKTAR RETTURI

Wara Patri Tabone, Retturi oħrajn bħal Patri Borġ, Patri Gravina, Patri Preziosi u Patri Grezzio Magro l-aħħar wieħed li baqa jżomm it-tradizzjoni tal-festi li semmejt għax imbgħad dawk li ġew warajhom inklużI dawk tal-lum infirxu f'oqsm'oħra ta' ħidmiet pastorali kif jitolbu ż-żminijiet tal-lum.
Illum f'Sarria la tkun taf li fil-31 ta' Lulju taħbat il-Festa ta' Sant'Injazju u lanqas fit-8 ta'Dicembru ma tkun taf li l-Festa tal-Kunċizzjoni. Id-damask, il-gandlieri, il-gastri ta' l-avorju bil-fjuretti m'għadhomx iżejnu l-knisja iżda jinsabu storjati fejn konna nistorjawhom aħna f'armarju taħt il-gallerija ta' l-orgni fuq il-bieb maġġur.

## L-EWWEL PROVINĊJAL TAL-ĠIŻWITI

Għall-bidu tas-snin ħamsin bħala Superjur u Rettur ta' Sarria kien hemm Patri Ġużeppi Delia li nzerta ż-żmien meta l-Provincja tal-Ġiżwiti kienet inqatgħet minn mal-Provinċja ta' Sqallija u bħala Provincjal kien ġie elett Patri Delia li xorta baqa jżomm l-istess karigi li kellu f'Sarria. Biż-żidea ta' xi Patrijiet u Fratelli li kellhom jigu jgħinu lill-Provinċjal, Dar Sarria kienet żgħira u allura kienu niffduha ma dar kbira oħra li kont tidħol għalijha minn Triq San Publju mil-bieb numru 36 kif jidher f'dan ir-ritratt. Din id-dar kienet meqjusa bhala l-Kurja tal-Ġiżwiti. Illum din id-dar tinsab għand familja private.

## MAGĦMUDIJA F'SARRIA

F'dan ir-ritratt jidher il-Provinċjal Patri Delia bilqiegħda fuq it-taraġ tal-altar qed jiċċelebra r-rit tal-magħmudija lin-nies tas-Servizz li jidhru għarkubtejom fuq il-ġinokkjatur li wara li kienu tgħallmu l-katekiżmu mill-Katekist Tarċisio Portelli li jidher fuq il-presbiterju kienu jitolbu li jħaddnu r-Reliġjon Kattolika tagħna. Warajhom jidhru l-parrinijiet tagħom.



Iżda f'din ix-xena ta' dan ir-ritratt hemm aktar x'wieħed jispjega u fuq kollox irrid inżomm kelmti f'kitbieti biex nuri lil min qed jaqra dan l-artiklu min kien dak li waqa' min fuq is-sellum hu u jarma d-damask.
Quddiem il-bieb tas-Sagristija, l-ewwel wieħed min-naħa ta' l-istatwa ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu hu l-Fratell Dun Anton Camilleri. Dak tan-nofs huwa jien li qed nikteb u ta' maġenbi huwa Joe Carabott li sa min ċkunitu kien intefa' ma' djul tal-ħitan ta' Sarria. Dan Joe, allura meta kiber aktar milli jidher f'dan ir-ritratt, qisu kellu madwar ħmistax – il sena kien waqa' f'dak l-inċident tad-damask u kif ktibt b'ħajr lill-Madonna tal-Kunċizzjoni ma kien ġralu xejn. Maż-żmien Joe iżżewweġ u kien emigra lejn il-Kanada fejn fetaħ negozju bil-pastizzerija u xi sentejn ilu kien ħalliena għal-ħajja ta' dejjem.
Wara Patri Delia bħala provinċjal kien ġie elett Fr. Maurice Eminyan li fi żmienu kienu ħallew dik id-dar li kienu niffdu ma Dar Sarria u kienu marru f'dar oħra akbar fi Triq San Pawl, il-Belt. Mat-tluq ta' dan il-Provinċjal flimkien mal-patrijiet li kienu jghinuh, Dar Sarria reġgħet ġiet kostitwita b'kommunita żgħira bħalna fuq kolox kienet minn dejjem. Superjuri baqgħu jinbidlu wieħed wara l-ieħor kif illum bħala Superjur insibu lill-Fr.Victor

## 75 SENA ANNIVERSARJU

Kont ili snin li ħallejt dawn il-ħitan ta' tfuliti, iżda tmien snin ilu għall-okkażjoni ta' għeluq il-75 sena min mindu fit-8 ta' Diċembru kienu daħlu l-ewwel patriiet f'Sarria, fuq suġġeriment li kont għamilt lill-Ġiżwiti, nhar l-Erbgħa 8 ta' Diċembru 1999 kienet saret quddiesa konċelebrata mill-Provinċjal, mill-Arċipriet tal-Furjana u minn Patrijiet li xi darba jew oħra kienu servew fil-Knisja ta' Sarria u d-Dar tagħha bħala radd ta' ħajr lill-Mulej f'dan l-anniversarju.

